MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 94/2006

Kawza fil-lista: 25

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

Illi hija zzewget lill-intimat fir-Registru Pubbliku fit-28 ta' Lulju 2003 (certifikat taz-zwieg anness fl-inkartament Dok A).

Illi hija zzewget lill-intimat mhux ghax verament riedet li tizzewgu, izda peress li kienet fil-bzonn tal-flus u terza persuna kienet introducietha mal-intimat sabiex tizzewgu,

bil-kondizzjoni li jekk taghmel hekk kienet ser tithallas is-somma ta’ Lm1400 (elf u erba mitt lira maltin).

Illi hija fil-fatt izzewwget lill-intimat, u irceviet is-somma miftiehma, pero wara li zzewgu qatt ma ghexu flimkien, u ir-rikorrenti u l-intimat telqu ghal rashom.

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett peress illi l-kunsens taghhom kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi ghalhekk wkoll iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett stante li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’ eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi element wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.
Ghaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha tiddikjara;

Illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti celebrat fit-28 ta’ Lulju 2003 huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat li l-konvenut debitment notifikat ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kuntrattat bejnha u bejn il-konvenut fit-28 ta’ Lulju 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taz-zewg

partijiet jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi, u taghtiha affidament.

Mill-provi rrizzulta li l-attrici zzewwget lill-konvenut fit-28 ta’ Lulju 2003 wara li kienet ilha tafu biss gimgha. Hija tghid li terza persuna kienet introducietha mal-konvenut u dan weghda li jmantniha tajjeb u wkoll taha somma ta’ flus bhala rigal. L-attrici accettat, u saret ic-cerimonja civili; izda wara, iz-zewg konjugi marru ghar-rashom u l-attrici marret tghix fid-dar ta’ missierha. Jumejn wara, l-attrici, fuq insistenza tal-konvenut marret fl-ufficju ta’ l-immigrazzjoni sabiex tiffirma xi karti li skond ma qallha l-istess konvenut kienu relatati mac-cittadinanza Maltija. Wara dik l-okkazzjoni lil konvenut ma ratux aktar.

Mill-premess jirrizulta manifest li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti huwa null, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut jinsab vizzjat bis-simulazzjoni fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu precitat; ghax ghalkemm huwa esternament ghadda minn cerimonja civili ta’ zwieg, mill-provi jirrizulta car li nternament u b’ att posittiv tal-volonta’ taghha eskluda z-zwieg u obbligazzjonijiet essenzjali ghall-istess. Huwa ma kellu l-ebda intenzjoni li jghix il-hajja mizzewwga ma’ l-attrici li fix-xhieda taghha tikkonferma li huma qatt ma kellhom x’ jaqsmu flimkien, u ghalhekk iz-zwieg lanqas hu kkonsumat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejnha u bejn il-konvenut fit-28 ta’ Lulju 2003.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------